# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

### ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 9/2018 MH**

**Illum, 29 ta' Jannar 2020**

**Ġemma Micallef (K.I. Numru 174563(M)), Carmel Micallef (K.I. Numru 100751(M)), Joseph Micallef (22952(M)), Philippa Micallef (K.I. Numru 336853(M)), Mary Grech (K.I. Numru 82656(M)), Grace Cini (K.I. Numru 354058(M)), Emmanuel Micallef (K.I. Numru 369759(M)) u Doris Micallef (K.I. Numru 294261(M)) ilkoll aħwa Micallef**

**vs**

**Avukat Ġenerali u Philippa Mangion (K.I. Numru 496247(M)) għal kwalunkwe interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti tas-6 ta' Frar 2018** permezz ta' liema ppremettew:

1. *Illi ir-rikorrenti aħwa Micallef huma l-propjetarji tal-fond 102/1E, 'Monte Fiori', Triq Burmarrad, Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Baħar illi huma wirtu mingħand ommhom Elizabeth Micallef.*

2. *Illi il-fond in kwistjoni kien oriġinarjament ġie akkwistat mill-imsemmija Elizabeth Micallef mingħand is-Sur William Francia permezz ta' att ta' bejgħ datat l-għoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elf disgħa mija u tmienja u sebgħin (1978) fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino liema kopja tal-imsemmi att qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. A'.*

3. *Illi meta ġie akkwistat l-imsemmi fond mis-sinjura Elizabeth Micallef, dan kien diġa okkupat mill-familja Vella fosthom Philippa Mangion bħala id-dar ta' abitazzjoni taħt titolu ta' kirja u dan permezz ta' kuntratt ta' kera datat nhar il-ħmistax (15) ta' Awwissu tas-sena elf disgħa mija u erbgħa u sebgħin (1974) iffirmat bejn is-Sur William Francia illi dak iż-żmien kien il-propjetarju tal-fond u missier Philippa Mangion, is-Sur Paul Vella u Philippa Mangion liema kopja tal-imsemmi att qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. B'.*

4. *Illi it-terminu oriġinali tal-kirja skada nhar il-ħmistax (15) ta' Awwissu elf disgħa mija u tmienja u sebgħin (1978) u dana stante il-fatt illi il-kuntratt ta' kera kien sar għal terminu ta' erbgħa (4) snin, iżda kif huwa stabbilit fl-att tal-bejgħ ta' nhar il-għoxrin (20) ta' Novembru elf disgħa mija u tmienja u sebgħin (1978), Philippa Mangion baqgħet tokkupa il-fond taħt l-istess titolu ta' kera anke wara l-iskadenza tat-terminu miftiehem u filfatt għadha tokkupa il-fond sal-ġurnata tal-lum.*

5. *Illi al kull buon fini, omm l-intimata Catherine Vella nee Cascun illi ukoll kienet tabita fil-fond in kwistjoni mietet nhar is-sittax (16) ta' Lulju elf*

*disgħa mija u ħamsa u sebgħin (1975) filwaqt illi Paul Vella miet nhar it-tmienja (8) ta' Settembru elf disgħa mija u tlieta u disgħin (1993). Minn dakinhar il-fond kien baqa' jiġi mikri lil Philippa Mangion u żewġha Giuseppe Mangion illi kienu baqgħu jgħixu mal-inkwilini oriġinali. L-imsemmi Giuseppe Mangion miet nhar l-ewwel (1) ta' Marzu elfejn u tmienja (2008) u minn dakinhar Philippa Mangion saret l-unika inkwilina tal-fond in kwistjoni.*

6. *Illi ġaladarba il-ftehim ta' kera bejn is-Sur William Francia u Paul Vella kien intlaħaq fil-ħmistax (15) ta' Awwissu elf disgħa mija u erbgħa u sebgħin (1974), u is-sinjura Elizabeth Micallef akkwistat il-fond nhar l-għoxrin (20) ta' Novembru elf disgħa mija u tmienja u sebgħin (1978), ossia qabel ma daħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Att XXIII tal-1979 u ċioe qabel il-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju 1979, id-drittijiet patrimonjali tal-atturi tbiddlu radikalment b'tali mod illi l-propjeta' in kwistjoni, minkejja t-terminu miftiehem u minkejja illi it-terminu kien diġa skada, ma tista tittieħed lura qatt minn idejn l-intimata Mangion;*

7. *Illi effitavament qabel ma daħal fis-seħħ l-Att XXIII tal-1979, sid il-fond kellu is-setgħa illi ma jaċċettax illi l-kera tiġi mġedda wara l-iskadenza tat-terminu tal-kirja;*

8. *Illi bid-dħul fis-seħħ tal-Att tal-1979, din is-sitwazzjoni tbiddlet radikalment u l-intimata Mangion ġiet mogħtija d-dritt li tibqa' tgħix fil-fond basta li tkun ċittadina Maltija u li tuża il-fond bħala residenza ordinarja tagħha u awment fil-kera skond ir-rata ta' inflazzjoni kif determinata mill-Awtoritajiet Governattivi;*

9. *Illi għalhekk, effettivament ir-rikorrenti ġew spossessati mid-dritt ta' użu tal-propjeta' tagħhom, wara li skada t-terminu tal-kirja u għalhekk ġew assoġġettati għal relazzjoni forzata ta' sidien u inkwilin għal perjodu indefinit u għalhekk intilef il-bilanċ bejn l-interessi tal-inkwilin u dawk tas-sidien, minkejja li l-ftehim oriġinarjament milħuq bejn is-sid oriġinali tal-propjeta mal-inkwilin inizzjali;*

10. *Illi konsegwetament bl-Att XXIII tal-1979, is-sinjura Mangion qiegħda tkompli tiddetjeni l-fond hawn fuq indikat b'titolu ta' lokazzjoni fil-perjodu ta' rilokazzjoni taħt il-proveddiment tal- Kap.158 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex hija ċittadina Maltija li tuża il-fond bħala residenza ordinarja tagħha u li l-awment tal-kirja dovuta sar skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi;*

11. *Illi b'dan il-mod, ir-rikorrenti qegħdin jiġu mċaħħda mit-tgawdija tal-propjeta' tagħhom mingħajr ma ġew mogħtija kumpens xieraq għat-teħid tal-pussess tal-istess fond, minkejja l-ftehim eżistenti tal-ħmistax (15) ta' Awwissu 1974 bejn is-sidien oriġinali tal-propjeta' mal-inkwilin inizzjali fosthom l-intimata Mangion u minkejja l-Liġijiet viġenti fil-pajjiż qabel id-dħul in vigore tal-Att XXIII tal-1979;*

12. *Illi fil-fatt, il-valur lokatizzju tal-istess fond huwa ferm ogħla minn dak li effetivament qedgħin igawdu minnu ir-rikorrenti, u dan kif ser jiġi ppruvat waqt il-kawża;*

13. *Illi l-impossibilita' tagħhom biex jieħdu lura l-pussess tal-fond ossia li jerġgħu jieħdu lura l-fond propjeta' tagħhom minħabba l-bżonnijiet tagħhom u minħabba li kien skada t-terminu lokatizju, d-dispożizzjonijiet*

*tal-Att XXIII qiegħed ukoll jilledi d-drittijiet ta' propjeta' tar-rikorrenti, kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropeja;*

14. *Illi huma għalhekk ġew ipprivati mill-propjeta' tagħhom stante illi skond il-prinċipji stabbiliti mill-Konvenzjoni Ewropeja, l-prinċipju tal-legalita' jippresupponi illi l-applikazzjoni tal-provvediment tal-liġi domestika għandhom ikunu suffiċjetement aċċessibli, preċiżi u li wieħed għandu jistenna fi stat demokratiku fl-applikazzjoni tagħhom – vide* **Broniowski vs. Poland (GC)** *no. 31443/96, 147, ECHR 2004-V u* **Saliba vs. Malta** *no. 4251/02, 31, 8 ta' Novembru 2005 u* **Amato Gauci vs. Malta** *– Applikazzjoni No. 47045/06 deċiża fil-ħmistax (15) ta' Settembru 2009;*

15. *Illi fiċ-ċirkostanzi, meta s-sidien oriġinali tal-propjeta ikkonċedew l-propjeta b'titolu ta' kera lill-inkwilin inizzjali li sussegwentament baqa' jitgawda mill-intimata Mangion, huma qatt ma setgħu jantiċipaw illi b'leġislazzjoni tal-Att XXIII tal-1979 il-Gvern ta' Malta kien ser jgħaddi liġi li jużurpalhom* ***d-dritt tagħhom u tal-eredi tagħhom*** *ta' liberu trasferiment ta' propjeta' mhux skond il-ftehim raġġunt. Aktar minn hekk, inħoloq id-dritt li inkwilin jirrenova t-titolu għall-wieħed lokatizzju b'kundizzjonijiet inġusti stante illi ġiet imponuta kera irriżorja mhux skond is-suq u li ma tirriflettix il-valur lokatizju tal-fond, u liema liġi għalhekk ma kkrejatx il-bilanċ rekwiżit tal-prinċipju ta' proporzjonalita;*

16. *Illi prinċipju massimu li għandu jiġi segwit hu li l-individwu m'għandux jiġi assoġġettat għal leġislazzjoni li huwa ma setax jipprevedi li ġġib toqol u telf eżażperat ukoll fil-kumpens li għandu jirċievi għat-tehid effettiv tal-propjeta' tiegħu kif ġara f'dan il-każ – Vide* **Sporrong and Lonroth vs Sweden** *(1982), 69-74 u* **Brumarescu vs Romania** *(GC) no. 28342/95, 78, ECHR 1999-VII u* **Spadea and Scalabrino vs. Italy**, *deċiża fit-tmienjau*

*għoxrin (28) ta' Settembru 1995, 33, Series A no. 315-B u* ***Immobiliare Saffi vs Italy*** *(GC) no. 2274/93, 54, ECHR 1999-V u* ***Broniowski*** *-151);*

17. *Illi konsegwentament a tenur tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja, ġialadarba kien hemm ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-intimat Avukat Ġenerali għandu iħallsu kumpens biex ikun hemm sodisfazzjon ġust lir-rikorrenti għal ħsara minnhom sofferti;*

18. *Illi għalhekk ir-rikorrenti huma intitolati għal kumpens minħabba t-telf fil-kontroll, użu u tgawdija tal-propjeta' tagħhom minn meta huma ma setgħux jieħdu lura l-propjeta' tagħhom minħabba leġislazzjoni intavolata bl-Att XXIII tal-1979 u dan mill-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tal-1979 – vide* ***Kingsley vs The United Kingdom*** *(GC) no. 3565/97, 40, ECHR 2002-IV;* ***Runkee and White vs The United Kingdom*** *– Nos. 42949/98 u 53134/99, 52, deċiża fl-10 ta' Mejju 2007;* ***Akkus vs. Turkey*** *– deċiża fid-9 ta' Lulju 1997, Reports 1997-IV, 35;* ***Romancehnko vs Ukraine*** *– No. 5596/03, 22 ta' Novembru 2005, 30, unpublished;* ***Prodan vs. Moldova*** *– No. 49806/99, 73, ECHR 2004-III (extracts);* ***Ghigo vs Malta*** *– No. 31122/05, 20, deċiża 17 ta' Lulju 2008;* ***Cassar v. Malta*** *no. 50570/13, deċiża 30 ta' Jannar 2018*

19. *Illi r-rikorrenti jħossu illi fir-rigward tagħhom ġie miksur l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u konsegwentament għandhom jitħallsu kumpens a tenur tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja, stante illi huma ġew pprivati mingħajr ma ngħataw kumpens ġust għat-tgawdija tal-propjeta' tagħhom u ċioe tal-fond numru 102/1E, 'Monte Fiori', Triq Burmarrad, Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Baħar minħabba d-dispożizzjonijiet tal-*

*Artikolu 5 tal-Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta, kif emendat bl-att XXIII tal-1979.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet permess jgħidu l-intimati għaliex m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi fil-konfront tar-rikorrenti l-operazzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXIII tal-1979, u bl-operazzjonijiet tal-Liġijiet viġenti qedgħin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni lill-intimata Philippa Mangion għal fond numru 102/1E, 'Monte Fiori', Triq Burmarrad, Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Baħar u jirrenduha impossibli lir-rikorrenti li jipprendu l-pussess tal-propjeta' tagħhom minkejja illi it-terminu ta' lokazzjoni skada;*

2. *Konsegwentament tiddikjara u tiddeċiedi illi qed jiġu vjolati d-drittjijiet tagħhom għat-tgawdija tal-propjeta' tagħhom numru 102/1E, 'Monte Fiori', Triq Burmarrad, Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Baħar bi vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Sekda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u b'hekk tagħtihom ir-rimedju li jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni inkluż l-iżgumbrament tal-intimata mill-fond.*

3. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati huma responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjoni tal-Att XXIII tal-1979 li ma kkrejax bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dak tal-inkwilin stante illi ma jirriflettux is-suq u l-anqas il-valur lokatizju tal-propjeta' in kwistjoni ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

4. *Tillikwida l-istess kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

5. *Tikkundanna lill-intimati iħallsu l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas*-subizzjoni.

Rat **ir-risposta tal-Avukat Ġenerali tas-26 ta' Frar 2018**[1] permezz ta' liema eċċepixxa -

*"Illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*1. Illi r-rikorrenti għandhom iġibu prova ċara tat-titolu tagħhom sabiex juru li huma l-proprjetarji tal-fond in kwistjoni kif qed jallegaw fir-rikors promutur;*

*2. Illi peress li r-rikorrenti qed jinvokaw il-protezzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-esponent qed jeċċepixxi l-improponibilità tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u dan peress li dan l-artikolu japplika biss f'każ ta' teħid forzuż tal-proprjetà. Sabiex wieħed jista' jitkellem dwar teħid forzuż jew obbligatorju, persuna trid tiġi żvestita jew spussessata minn kull dritt li għandha fuq dik il-proprjetà. Huwa evidenti li fil-każ preżenti, għall-kuntrarju ta' dak li qed isostnu*

[1] Fol 19 et seq

*r-rikorrenti, tali żvestiment jew spussessar ma sarx u dan peress li bit-tħaddim tal-artikolu 5 tal-Kap. 158 ir-rikorrenti ma tilfux għal kollox il-jeddijiet tagħhom fuq il-fond in kwistjoni u għalhekk dan il-każ ma jammontax għal deprivazzjoni totali tal-proprjetà. Illi tajjeb li jiġi nnutat li l-Istat tramite dan l-Artikolu ħa miżura li tinkwadra ruħha taħt kontroll ta' użu fejn irregolarizza sitwazzjoni ta' natura soċjali fl-ambitu tal-ġid komuni b'dana però li jibqgħu mpreġudikati d-drittijet tas-sidien qua proprjetarji tal-fond. Fid-dawl ta' dan kollu, l-ilment tar-rikorrenti ma jinkwadrax ruħu fil-parametri tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u għandu jiġi miċħud;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, dato ma non concesso li l-Artikolu 37 huwa applikabbli, xorta waħda ma hemm ebda ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea stante li l-Artikolu 5 tal-Kap 158 jikkostitwixxi biss kontroll ta' użu ta' proprjetà fil-parametri tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*4. Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jirrileva li skont il-proviso tal-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali. Anki skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasburgu, l-Istat igawdi diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u x'miżuri għandhom jittieħdu sabiex jiġu ndirizzati dawk il-ħtiġijiet soċjali;*

5. *Illi tali diskrezzjoni tal-leġislatur m'għandhiex titbiddel sakemm din ma tkunx manifestament mingħajr bażi raġonevoli – li żgur ma hux il-każ għaliex hemm bażi raġjonevoli li tiġġustifika l-promulgazzjoni tal-Att XXIII tal-1979;*

6. *Illi r-raġuni wara l-promulgazzjoni tal-Att XXIII tal-1979 hija sabiex persuni jiġu protetti milli jiġu mkeċċija mid-dar ta' abitazzjoni tagħhom f'għeluq it-terminu konċess lilhom. B'hekk dan l-artikolu żgur ma jistax jiġi kklassifikat bħala wieħed mhux leġittimu jew mhux fl-interess ġenerali u l-esponent jara li dan l-artikolu m'għandux jitqies li jmur kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem;*

7. *Illi f'ċirkostanzi bħal dawn fejn jeżisti interess ġenerali leġittimu ma tistax tpoġġi fl-istess keffa l-valur tal-proprjetà fis-suq ħieles ma' dak il-valur li wieħed għandu jħallas fil-kuntest ta' social housing. Huwa risaput li l-Qorti Ewropea stess fil-ġurisprudenza tagħha fosthom fil-każ ta' "<u>Amato Gauci vs Malta</u>" rrikonoxxiet li: "State control over levels of rent falls into a sphere subject to a wide margin of appreciation by the State and its application may often cause significant reductions in the amount of rent chargeable." Fil-każ <u>James and others versus United Kingdom</u> u preċiżament f'paragrafu 54 tal-paġna 36, ġie mgħallem ukoll li: "Article 1, does not, however, guarantee a right to full compensation in all circumstances. Legitimate objectives of 'public interest', such as those pursued in measures of economic reform of measures designed to achieve greater social justice, may call for less than reimbursement of the full market value.";*

8. *Illi għalhekk anke jekk fil-każ odjern kien hemm tnaqqis fil-kera dovuta lir-rikorrenti meta mqabbla mal-valur lokatizju fis-suq, dan it-tnaqqis huwa kontro-*

*bilanċjat bil-marġini wiesgħa tal-Istat li jilleġisla fil-kuntest ta' miżuri soċjali fosthom fil-qasam tad-djar;*

9. *Ma hemm l-ebda dubju li kieku kellu jiġi applikat il-prezz tal-kirjiet fis-suq ugwalment u fuq l-istess binarju għall-binjiet kollha, kemm dawk fl-ambitu tal-qafas soċjali u anke fl-ambitu ta' dawk li mhumiex, allura r-riżultat ikun li tinħoloq kriżi li tgħabbi lil ħafna familji b'piżijiet li ma jifilħux għalihom;*

10. *Illi jekk ir-rikorrenti qed jilmentaw li qed jiġu preġudikati minħabba l-fatt li l-ammont tal-kera ma jirriflettix il-valur reali tal-fond in kwistjoni, dan ma jistax jiġi rrimedjat bit-tneħħija tal-artikolu 5 jew bl-iżgumbrament ta' Philippa Mangion. Dan qed jingħad għaliex ma jkunx jagħmel sens li wieħed jagħraf l-iskop, il-ħtieġa u l-leġittimità tal-miżura msemmija fl-artikolu 5 biex imbagħad jinnewtralizzaha billi jagħmilha inapplikabbli bl-iżgumbrament tal-okkupant;*

11. *Illi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol ma jikkonċedi ebda dritt li xi ħadd jirċievi profitt, allura fil-kuntest ta' proprjetà li qed isservi għall-finijiet ta' social housing żgur li ma jistax jiġi kkontemplat xi dritt simili;*

12. *Illi fl-umli fehma tal-esponent, fil-każ odjern din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tevalwa din l-liġi fil-kuntest prinċipalment ta' spekulazzjoni tal-proprjetà imma għandha tiskrutinja u tapplika l-liġi fil-qafas aktar wiesgħa u cjoe mill-aspett tal-proporzjonalità fid-dawl tar-realta' ekonomika u soċjali tal-pajjiż in ġenerali;*

*13. Illi jiġi enfasizzat ukoll li fil-każijiet imsemmija mir-rikorrenti fir-rikors promotur, il-Qorti Ewropea kienet waslet għall-konkluzjoni li kien hemm sproporzjonalità u tqassim mhux xieraq tal-piżijiet u l-benefiċċji biss f'dawk il-każijiet u f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari u allura ma stabbilew ebda prinċipju universali. Isegwi għalhekk li dawn id-deċiżjonijiet u d-deċiżjonijiet l-oħra tal-Qorti Ewropea kkwotati mir-rikorrenti jikkostitwixxu stat biss fil-konfront tal-partijiet f'dawk il-kawżi partikolari – inter partes;*

*14. Tajjeb jiġi sottolineat li l-fond mertu tal-kawża ġie akkwistat minn Elisabeth Micallef, omm ir-rikorrenti, mingħand William Francia permezz ta' kuntratt ta' bejgħ datat 20 ta' Novembru 1978. Meta l-fond ġie mixtri minn omm ir-rikorrenti, din kienet konxja mill-fatt li f'dan il-fond kienet tirrisjedi l-familja Vella fosthom Philippa Mangion, taħt it-titolu ta' kera, liema kirja kienet skadiet qabel id-data tal-kuntratt tal-bejgħ msemmi. Tenut kont tal-fatt li dak iż-żmien omm ir-rikorrenti liberament, konxjament u di buona volontà ħalliet lill-familja Vella tirrisjedi fil-fond anki meta l-kirja kienet skadiet, ma jistgħux ulied Elisabeth Micallef, jiġu issa jsostnu li qed jinkisrulhom id-drittijiet fundamentali tagħhom u li sofrew danni;*

*15. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

Rat **il-provvediment tagħha tas-16 ta' April 2018**[2] permezz ta' liema laqgħet it-talba tal-Avukat Ġenerali tas-6 ta' Marzu 2018[3] biex iressaq eċċezzjoni ulterjuri dwar ir-rimedju ordinarju li kien għadu disponibbli għar-rikorrenti

**Rat ir-risposta tal-intimata Philippa Mangion tat-28 ta' Frar 2018**[4] permezz ta' liema ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet -

*1. Illi fl-ewwel lok l-Intimata tiskuża ruħha ma' din il-wisq Onorabbli Qorti imma hija ġiet notifikata f'jum it-Tlieta, 27 ta' Frar, 2018, b'dan ir-Rikors Kostituzzjonali, u sakemm itraċċat lill-Avukat tal-Fiduċja tagħha li kien għadu qed jirkupra minn operazzjoni f'qalbu, għadda l-jum kollu w għaldaqstant li din ir- Risposta li qegħda tiġi kkonfermata bil-ġurament, qed tiġi ntavolata fid-disgħa ta' filgħodu fir-Reġistru ta' din il-Qorti, proprju fil-ħin li fih huwa imsejjaħ dan ir-Rikors Kostituzzjonali.*

*2. Illi fit-tieni lok u għall-informazzjoni ta' din il-wisq Onorabbli Qorti, Ġemma Micallef : Id number 174563M f'isimha proprju w għan-nom ta' ħutha l-oħra diġa' intavolat proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, proċeduri li saru b'urġenza, imma li għadhom qed jinstemgħu quddiem il-Bord tal-Kera presjedut mill-Maġistrat Dr Monica Vella, u fejn l-istess Ġemma Micallef de proprio et nomine qegħda titlob l-iżgumbrament tal-Intimata mill-fond numru 102 / 1E, 'Monte Fiori', Triq Burmarrad, Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Bahar, fond li l-Intimata għandha titlu validu fuqu anka kif ammess mill-istess Rikorrenti odjerni fid-Dokumenti li esebew huma stess.*

[2] Fol 288 et seq
[3] Rikors a fol 27 et seq
[4] Fol 35 et seq

*3. Illi l-Kawża quddiem il-Bord tal-Kera għadha fl-istadju tal-Eċċezzjonijiet in linea preliminari, u Ġemma Micallef de proprio et nomine qegħda tressaq il-provi tagħha għall-Eċċezzjonijiet in linea preliminari tal-Intimata hawn indikata w għaldaqstant huwa importanti li qabel ma tkompli tinstema' din il-Kawża Kostituzzjonali, jigi sorvolat il-punt illi fil-kawża quddiem il-Bord tal-Kera Ġemma Micallef għamlet il-Kawża f'isimha w għan-nom ta' ħutha, u f'din il-Kawża Kostituzzjonali l-aħwa kollha allegatament għamlu r-Rikors kontra l-Avukat Generali u Philippa Mangion. Din il-konfużjoni l-ewwel u qabel kollox trid tiġi sorvolata w għaldaqstant dawn il-proċeduri minkejja li huma ta' natura Kostituzzjonali għandhom jiġu jew riġettati jew sospiżi indefinittivament sakemm jintemm l-eżitu tal-Kawża quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sal-istadju definittiv tagħha.*

*4. Illi l-Intimata qegħda effettivament titlob lil din il-wisq Onorabbli Qorti biex tordna a spejjeż tar-Rikorrenti kopja tal-Process kollu quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex din il-wisq Onorabbli Qorti kif ippresjeduta tkun tista' jkollha f' idejha stess it-tagħrif ta' din l-istrateġija tar-Rikorrenti odjerni illi quddiem Bord jaghmlu Kawża f'isem Ġemma Micallef de proprio et nomine u quddiem din il- Qorti Kostituzzjonali allegatament qed jidhru l-aħwa kollha, meta dan anka mhux eżatt, u għaldaqstant il-Qorti trid tinvestiga jekk dan l-abbuż da parti tar-Rikorrenti għandux jiġi sanat jew le.*

*5. Illi fir-rigward tar-Rikorrenti, illi ħadd mir-Rikorrenti effettivament ma jidher li kien il-Qorti biex ġie ppreżentat dan ir-Rikors Kostituzzjonali li ġie preżentat mill-Avukati Cedric Mifsud u Catherine Mifsud u l- PL Davina Sullivan, qed jirriżulta ċar illi sa fejn taf l-Intimata mhux l-aħwa kollha indikati jgħixu Malta w għaldaqstant dawn il-Proċeduri huma nulli 'il għaliex ssemma persuna jew ġew indikati persuni fl-ismijiet tar-Rikorrenti, li ħadd minnhom ma kien il-Qorti biex ġie preżentat dan ir-Rikors Kostituzzjonali, meta persuna jew aktar mir-*

*Rikorrenti lanqas biss jirrisjedu Malta, u għaldaqstant ma setgħux jidhru bħala Rikorrenti fir-Rikors Promotur.*

*6. Illi dan ifisser illi min ippreżenta r-Rikors Kostituzzjonali ma segwiex il-proċedura ta' kif isiru l-Kawżi fl-Ordinament Ġuridiku nostrana, u għaldaqstant dawn il-proċeduri ghandhom jigu dikjarati nulli u ineffettivi u kwindi mhux enforzabbli u l-Intimata għandha tiġi liberata mill-osservanza bl-ispejjeż kollha, ġudizzjarji w extra ġudizzjarji kontra l-istess Rikorrenti.*

*7. Illi l-istess Rikorrenti għandhom, u dan strettament mingħajr preġudizzju, iġibu l-prova li huma effettivament il-proprjetarji tal-fond numru 102 / 1E, 'Monte Fiori', Triq Burmarrad, Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Baħar, li huma qed jallegaw li wirtu mingħand ommhom Elizabeth Micallef, u dawn il-provi jridu jkunu awtentiċi u debitament dokumentati, biex ma jkun hemm ebda dubju eżatt li r-Rikorrenti għandhom id-dritt li jintavolaw dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern.*

*8. Illi l-Intimata Philippa Mangion : Id number 496247M għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kollha ġudizzjarji w extra ġudizzjarji kontra r-Rikorrenti u dan mingħajr preġudizzju għall-Eċċezzjonijiet in linea preliminari hawn fuq sollevati, minħabba li l-Intimata qegħda tokkupa l-fond de quo b'titolu validu skont il-ligi w a skans ta' ripetizzjoni ta' provi w anka għall-kontroll ta' voluminożita' tal-Atti Ġudizzjarji f'dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern, ikun fl-interess tal-ġustizzja li din il-wisq Onorabbli Qorti tordna a spejjez tal-istess Rikorrenti biex jiġi allaċċjat il-proċess li hemm quddiem il-Bord tal-Kera mingħajr naturalment ma jwaqqaf dawk il-proċeduri w għaldaqstant irid ikun hemm kopja awtentika u fidila tal-Kawża li hemm pendenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera bid-dokumentazzjoni kollha u d-diversi Rikorsi li saru inkluż naturalment ir-Risposta tal-istess Intimata odjerna.*

*9. Illi din il-wisq Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ssirilha referenza għal paragrafu tlieta et sequitur tar-Rikors Promotur fejn hemm indikat l- istorja ta' kif l-Intimata effettivament hija l-okkupanti b'titolu validu skont il-liġi tal-fond de quo pero' għal kull buon fin il-fond de quo ma huwiex sempliciment residenza imma effettivament huwa razzett bl-egħlieqi fil-madwar u l-uniku raġuni għala r-Rikorrenti qegħdin jagħmlu din il-Kawża, billi jafu li effettivament la għandhom raġun u lanqas jistgħu jiżgumbraw lill-Intimata, huwa d-deni li hawn bħalissa fil-Gżejjer Maltin u Għawdxin għall-akkwist ta' art fertili u rziezet biex dawn ikunu jistgħu jinbiegħu għal profitti enormi, u għaldaqstant l-Intimata qegħda topponi, li hija qed tiġi vittimizzata mir-Rikorrenti, u għalhekk din il-Kawża għandha tiġi dikjarata nulla u nvalida, ineffettiva u bla ebda enforzabilita' sa fejn għandha x'taqsam l-Intimata, u din hi r-raġuni għala l-Intimata qegħda titlob li hija tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*10. Illi għaldaqstant ċertu fatti kif elaborati mir-Rikorrenti, u dan strettament mingħajr preġudizzju, ma humiex korretti apparti mill-fatt li din l-Onorabbli Qorti fil-veste tagħha Kostituzzjonali ma għandha ebda ġurisdizzjoni li tidħol fil-mertu bhal allegazzjonijiet fil-paragrafu erbgħa tar-Rikors Promotur intavolat fis-6 ta' Frar, 2018 u notifikat lill-Intimata f'jum it-Tlieta, 27 ta' Frar, 2018.*

*11. Illi r-Rikorrenti, u dan strettament mingħajr preġudizzju għall-Eċċezzjonijiet in linea preliminari mhux qed jgħidu l-verita' lil din il-wisq Onorabbli Qorti billi effettivament it-titolu ta' inkwilina qiegħed ukoll għand l-Intimata odjerna billi meta kien sar Ftehim ieħor ta' kera minn ċertu William Francia dan sar kemm ma' Paul Vella missier l-Intimata u mal-istess Intimata, u huwa għalhekk importanti ħafna li din il-wisq Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tordna a spejjeż tar-Rikorrenti biex iġibu kopja fidila tal-Kawża li hemm quddiem il-Bord tal-Kera intavolata minn Ġemma Micallef de proprio et nomine kontra l-Intimata biss u dan biex l-Intimata tigi żgumbrata, u ma jistax ikun li jkun hemm din il –*

*konfużjoni fil-Qrati tal-Ġustizzja tagħna biex proprju r-Rikorrenti jippruvaw jottjenu xi forma ta' ġustizzja billi jilagħbu bil-fatti li huma tabilħaqq verosimili.*

*12. Illi fiċ-ċirkostanzi l-kontenut ta' paragrafu sebgħa fir-Rikors Promotur tas-6 ta' Frar, 2018 huwa għal kollox irrelevanti sa fejn għandha x' taqsam l-Intimata illi jerġa' jiġi ripetut u enfasizzat li għandha titolu validu skont il-liġi.*

*13. Illi fiċ-ċirkostanzi paragrafi tmienja sa ħdax tar-Rikors Promotur qegħdin jiġu sottomessi mir-Rikorrenti b'mod li ma jistgħu bl-ebda mod jimpinġu fuq it-titolu validu li għandha l-Intimata fuq il-fond de quo bħala r- residenza ordinarja tagħha flimkien mal-egħlieqi tal-madwar u din hija t-tifsira proprja tal-fond de quo li huwa razzett tipiku Malti w evidentament din il-Qorti jekk tara li huwa opportun, kif għamlet il-Bord li tirregola l-Kera permezz tal-Maġistrat Dr Monica Vella, għandha taċċedi fuq il-fond de quo biex tara kemm ir-Rikorrenti qed jippruvaw iqarrqu b'din il-Qorti dwar l-istat ta' fatt u l-istorja verasimili abbinata ma' dan ir-razzett residenzjali tal-Intimata u l-egħlieqi tal-madwar.*

*14. Illi paragrafu tnax sa paragrafu erbatax tar-Rikors Promotur jindikaw ċar sottomissjonijiet illi dwarhom l-Intimata assolutament ma tista' tagħmel xejn billi l-Intimata dejjem segwiet il-liġi w għamlet użu mill-liġi u qegħda tiġi protetta fil-fond fejn tirresjedi w ilha hekk tirresjedi flimkien mal-antenati tagħha fil -familja Vella għal numru konsiderevoli ta' snin, u dan ukoll jista' faċilment jiġi ippruvat quddiem din il-Qorti, jekk il-Qorti jidhrilha li għandha tisma' dawn il-provi li effettivament huma diġa' mertu ta' Kawża quddiem il-Bord tal-Kera kif ripetutivament l-istess Intimata bl-umilta' u bir-rispett kollu qed tindika lil din l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali. Għaldaqstant fil-konfront tal-Intimata dan huwa kollu rrelevanti ġaladarba l-Intimata qegħda tirresjedi f'dan ir-razzett residenzjali bl-egħlieqi tal-madwar u xi annimali b'titlu validu skont il-liġi, u ġaladarba l-Intimata qegħda tosserva l-liġi w hija serv fidila tal-liġi, ir-Rikorrenti ma għandhom ebda jedd illi jagħmlu proċeduri bħal dawn kontra l-*

*Intimata li qed isiru biss biex jippersegwitaw lill-Intimata, idaħħluha f' aktar spejjeż, u fuq kollox qed jiġu esplorati merti li ma humiex kompetenza ta' din il-wisq Onorabbli Qorti ġaladarba diġa' hemm proċeduri ordinarji għaddejin permezz ta' Kawża quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera.*

*15. Illi r-Rikorrenti, u dan qed jingħad strettament mingħajr preġudizzju, għamlu referenzi għal diversi Sentenzi mingħajr ma ehmzu Kopja tagħhom fl-Atti ta' din il-Kawża w għaldaqstant biex l-Intimata jkollha t-tagħrif ta' dan kollu li qegħdin jallegaw ir- Rikorrenti, u jerġa' jigi ripetut dan qed jingħad strettament mingħajr preġudizzju għall-Eċċezzjonijiet in linea preliminari, din il-wisq Onorabbli Qorti hija mitluba biex tordna lill-istess Rikorrenti jesebixxu kopja fidila w awtentikata tas-Sentenzi li huma qed jiċċitaw bħal per eżempju f'paragrafu erbatax tar-Rikors odjern kif ukoll paragrafi sittax u tmintax tar-Rikors Promotur tas-6 ta' Frar, 2018.*

*16. Illi paragrafu sbatax tar-Rikors Promotur jagħmilha ċara illi r-Rikorrenti mingħajr preġudizzju qegħdin jipretendu kumpens mingħand l-Intimat Avukat Ġenerali u li l-Intimata effettivament ma għandha ebda rwol f'din il-Kawża għajr illi qed jigi mpost fuqha spejjeż mhux meħtieġa apparti minn inkonvenjenza fuq mara li issa qegħda tersaq viċin il-wieħed u sebgħin sena tagħha u li l-ħidma tagħha bħala bidwija minkejja l-eta' tagħha jesiġi ħin prezzjuz f'dan ir-razzett residenzjali bl-egħlieqi tal-madwar kif taprezza din il-wisq Onorabbli Qorti għax mhux li għalkemm tkabbar prodott imma l-prodott u anka l-annimali wieħed irid jikkurah u jieħu ħsiebu inkluż it-tindif u li titma' lill-annimali. Dan għaldaqstant hija strateġija oħra da parti tar-Rikorrenti biex jistrapazzaw u jtellfu l-ħin tal-Intimata meta ovvjament post l-Intimata ma huwiex bl-ebda mod f'din il-Kawża peress li l-Intimata dejjem osservat il-liġi u qegħda tokkupa r-razzett residenzjali de quo b'titolu validu skont il-liġi. Għaldaqstant raġuni oħra fost dawk li diġa' ngħataw għala l-Intimata għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju immedjatament filwaqt li din il-Qorti tiddikjara l-proċeduri invalidi w ineffettivi,*

*mhux enforzabbli u li bl-ebda mod ma għandhom jibqgħu jipprosegwu fil-konfront tal-Intimata anka a bażi ta' dawn il-fatti fil-qosor li l-istess Intimata qegħda tfisser lil din il-wisq Onorabbli Qorti.*

*17. Illi l-Intimata mhix ser tidħol fil-mertu għaldaqstant tal-paragrafu per ezempju tmintax tar-Rikors Promotur u dan għar-raġunijiet ovvji li hija qegħda tfisser lil din il-wisq Onorabbli Qorti fil-veste Kostituzzjonali tagħha.*

***Talbiet tar-Rikorrenti Micallef***

*18. Illi, għaldaqstant, b'referenza għall-ħames Talbiet tar-Rikorrenti, u mingħajr preġudizzju għall-kontenut fl-intier tiegħu kollu ta' din ir-Risposta li qegħda tiġi kkonfermata bil-gurament mill-Intimata Philippa Mangion : Id number 496247M, it-Talbiet kollha tar-Rikorrenti fir-rigward u fil-konfront tal-Intimata Philippa Mangion għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess Rikorrenti u dan fl-inkwadratura tal-kontenut kollu ta' din ir-Risposta li qegħda tiġi kkonfermata bil-ġurament mill-istess Intimata Philippa Mangion : Id number 496247M.*

*19. Bl-ispejjeż kollha, ġudizzjarji w extra ġudizzjarji kontra r-Rikorrenti aħwa Micallef u dan strettament mingħajr preġudizzju."*

Rat illi **waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2018**[5] l-Qorti ordnat li l-ewwel għandhom jiġu ndirizzati il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet tal-intimata Philippa Mangion.

Rat illi **waqt is-seduta tat-8 ta' Marzu 2019**[6] d-difensur tal-intimata Mangion issolleva eċċezzjoni oħra li *"l-intimata mhijiex l-uniku titulari tal-fond de quo u għaldaqstant dawna l-atti mhux regolari fil-proċedura fl-inkwadratura tad-*

[5] Fol 24
[6] Fol 486

*dokumentazzjoni esibita u tad-depożizzjoni li ngħatat seduta stante mill-istess intimata Philippa Mangion."*

Rat il-provi tal-partijiet dwar dawn l-eċċezzjonijiet u semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tagħhom.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza dwar dawn l-istess eċċezzjonijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Fil-kawża odjerna r-rikorrenti jallegaw li bl-applikazzjoni tal-artikolu 5 tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXIII tal-1979, u bl-operazzjonijiet tal-Liġijiet viġenti a favur l-intimata Philippa Mangion (inkwilina tal-fond proprjeta' tagħhom ġewwa Burmarrad) huma sofrew ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti bil-Kostituzzjoni ta' Malta u bil-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali.

Minn naħa tagħhom l-intimati kollha jirrespinġu dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**1. Eċċezzjonijiet preliminari rigwardanti allegati mankanzi fl-osservanza tar-regoli proċedurali fl-intavolar tal-kawża**

Fil-ħames u s-sitt eċċezzjoni tagħha l-intimata Mangion tallega n-nullita' tal-proċeduri odjerni stante li ħadd mir-rikorrenti ma jidher li kien il-Qorti għall-preżentata tar-rikors kostituzzjonali; addirittura uħud mir-rikorrenti jgħixu fl-esteru u għalhekk ma jistgħux jidhru bħala tali fl-istess rikors promotur.

Għalhekk, skont l-intimata, la ma ġewx segwiti d-dispożizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw il-proċedura ta' kif isiru l-kawżi hija għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

Jiġi osservat li fil-mori tal-proċeduri r-rikorrenti ntavolaw rikors datat 22 ta' Marzu 2018[7] permezz ta' liema ppremettew li l-vertenza tal-intimata hija msejsa fuq il-fatt illi Doris Micallef ma tkunx preżenti f'Malta b'mod permanenti matul is-sena. Huma ppreċiżaw li Doris għandha karta tal-identita' Maltija valida u legalment hija meqjusa residenti f'Malta. Ma kien hemm ebda ħtieġa li hija tkun preżenti fir-reġistru tal-Qorti meta ġie preżentat ir-rikors kostituzzjonali anke għax ma kien hemm ebda ħtieġa li jkun ġuramentat. Inoltre huma rrilevaw li fid-19 t'Awissu 2009 Doris Micallef kienet appuntat lil Ġemma Micallef bħala mandatarja ġenerali tagħha u fost poteri oħra tat il-fakolta' lill-istess Ġemma biex tirrapreżentaha f'kawżi ġudizzjarji. Għal dawk il-motivi u a tenur tal-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ir-rikorrenti talbu li jiżdied il-kliem *"Ġemma Micallef qiegħda tidher f'din il-kawża f'isimha proprju u f'isem oħtha Doris Micallef"*.

L-Avukat Ġenerali kien irrimetta ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti dwar din it-talba[8] filwaqt li għar-raġunijiet kollha ndikati minnha fir-risposta tagħha għal dan ir-rikors[9] l-intimata Mangion kienet opponiet għall-istess.

Fit-23 ta' Mejju 2018[10] il-Qorti, wara li rat il-provi mressqa mill-partijiet u s-sottomissjonijiet tagħhom fir-rigward, laqgħet it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors tat-22 ta' Marzu 2018.

---

[7] Fol 255 et seq
[8] Fol 265
[9] Fol 267 et seq
[10] Digriet a fol 436

B'hekk għall-Qorti s-sitwazzjoni *se mai* diġa' ġie indirizzata iżda kif indika fit-trattazzjoni orali tiegħu, id-difensur tal-intimata xorta għadu qiegħed jinsisti fuq dawn l-eċċezzjonijiet[11] primarjament għax fil-fehma tiegħu l-prokura esibita mir-rikorrenti[12] xorta ma tissanax in-nuqqas proċedurali kommess mir-rikorrenti fl-intavolar tal-proċeduri odjerni peress li skont l-istess prokura ma jista' jsir xejn jekk Doris Micallef ma tiġix mgħarrfa bil-miktub u ma tagħtix il-kunsens tagħha bil-miktub u prova li dan il-kunsens miktub kien ingħata sabiex jinbdew dawn il-proċeduri ma nġibitx.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tibda billi tissottolinea li l-proċeduri odjerni huma ta' natura kostituzzjonali u bħala punt ta' tluq il-prinċipju ġenerali huwa li f'dawn il-kawżi l-formalita' rikjesta hija minima.

Ingħad hekk fil-każ **Edwin Bartolo et vs L-Aġent Reġistratur tal-Qrati deċiż fil-15 ta' Frar 1991 -**

*"Fil-proċeduri kostituzzjonali, l-formalita' hija ridotta għall-minimu neċessarju u jiddependi kollox mid-diskrezzjoni tal-ġudikant li jkun qed jippresjedi, li għandu jara li jiġu salagwardjati l-prinċipji kollha tal-ġustizzja proċedurali.*

……

*Il-flessibilita' proċedurali li għaliha għadha kif saret referenza, hija llustrata mill-Kostituzzjoni stess fl-Artikolu 46 (2) fejn il-Qorti hija liċenzjata li: "…tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-*direttivi *li tqis*

[11] Trattazzjoni a fol 644 et seq
[12] Fol 437 et seq

*xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija artikolu 33 sa 45 (inklużi) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna."*

*Din il-liċenzja tawtorizza 'l Qorti li tmur ultra petita....Id-direttiva hija li d-deċiżjoni trid tkun konformi ma' dak li l-Qorti tqis xieraq u mhux in konformita' ma' dak li jitlob ir-rikorrent – kif tobbliga l-proċedura normali."*

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji u b'differenza mill-proċeduri ordinarji, l-kawżi kostituzzjonali ma jirrikjedux li r-rikors promotur ikun ġuramentat u għalhekk bħala punt ta' tluq il-preżenza fiżika tar-rikorrenti odjerni jew min minnhom ġewwa r-Reġistru tal-Qorti meta saret il-preżentata tar-rikors promotur fil-proċeduri odjerni ma kinitx meħtieġa.

Inoltre, sentenza preliminari tal-**25 ta' Lulju 2013 fil-każ Etienne Merlevede pro et noe vs Attorney General** trattat diversi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari fosthom dik li r-rikors kostituzzjonali kien null a tenur tal-artikolu 180 (1) (a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għax ir-rikorrent Etienne Merlevede kien residenti fi Franza u mhux f'Malta u la kien preżenti meta ġie ntavolat ir-rikors promotur u lanqas appunta kuratur jew mandatarju biex jaġixxu f'ismu fl-assenza tiegħu minn dawn il-gżejjer.
Il-Qorti kellha dan xi tgħid fir-rigward –

*"The general principle is that an action where Human Rights violations are alleged, certain formalities of general procedure may need to be dispensed with, so as to allow it to embrace and tackle new situations, which were not catered for under the traditional concept of procedural rights.*

.....

*Now, having examined the general principles with regard to formalities of a constitutional application, the Court must decide whether Article 180 (1) (a) of Chapter 12 of the Laws of Malta is applicable to the case under review or whether it is a formality which may be dispensed with. The Article provides a list of persons and the various capacities in which such persons may institute proceedings here in Malta:*

*"180.(1) Subject to the provisions of article 181, written pleadings may be filed –*

*(a) personally by the party pleading in his own name, orby the person pleading in a representative capacity asthe parent of the children placed under his paternal authority, or as the tutor, curator, administrator of the community of acquests, executor, head of a departmentor other public administrator, or as attorney on behalfof any church, community, hospital, or other pious institution or as administrator of property under litigation, or as partner or representative of a commercial firm, or as any of the persons mentioned in article 181A(2) in the case of a body having adistinct legal personality, or as agent or representative of any other lawful association, or as attorney onbehalf of persons absent from the Island, either of Malta or Gozo, in which the written pleading is filed;*

....

*It is in this Court's considered opinion that Article 180 (1) (a) of Chapter 12 acts as a significant but perhaps not an exhaustive guide to the various persons that may, in their representative capacity, invoke the Constitutional Court for redress, without prejudice to the cardinal principles underpinning Human Rights actions. Flexibility must therefore be deemed to extend not only to the contents of the*

*application, the requests made to the Court and the remedies that the Court may grant to the complainant, but also to the method of application. This principle should apply as long as the respondent is not held to disadvantage."*

Elenkati dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali l-Qorti hija tal-fehma ferma li l-eċċezzjonijiet tal-intimata in eżami huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Fil-każ tal-lum l-identita' tar-rikorrenti kollha, inkluż Maria Dolores Micallef, hija magħrufa u dokumentata. Inġiebet prova li Maria Dolores Micallef għandha karta tal-identita' valida b'indikazzjoni ta' ndirizz f'Malta bħala r-residenza tagħha[13].

F'kull każ pero', bil-prokura tad-19 t'Awissu 2009 Doris Micallef kienet appuntat lil Ġemma Micallef bħala mandatarja ġenerali tagħha u fost poteri oħra tat il-fakolta' lill-istess Ġemma biex tirrappreżentaha f'kawżi ġudizzjarji. Nonostante l-fatt li din il-Qorti diġa' kienet sodisfatta bil-prova tal-prokura u laqgħet it-talba tar-rikorrenti sabiex Ġemma Micallef tiġi meqjusa li qiegħda tidher f'din il-kawża f'isimha proprju u f'isem oħtha Doris Micallef, l-intimata għadha qegħda tinsisti fuq l-eċċezzjonijiet in eżami dwar in-nullita' tal-proċeduri. Dan għax fil-fehma tagħha l-għoti tal-prokura ġenerali kien marbut mal-kundizzjoni li qabel ma jiġi eżerċitat il-mandat kellha tintalab l-awtorizzazzjoni bil-miktub ta' Doris Micallef.

Iżda l-Qori ssib li din l-allegazzjoni ma hijiex motiv validu biex tvarja d-digriet tagħha tat-23 ta' Mejju 2018. Dan għaliex anke fl-ispirtu tal-prinċipji ġurisprudenzjali enunċjati, l-preżunzjoni li ngħata l-kunsens miktub ta' Doris Micallef għall-intavolar tal-proċeduri odjerni għandha timmilita favur ir-

[13] Fol 258

rikorrenti li qegħdin jvvantaw ksur ta' drittijiet fundamentali. Jekk l-intimata kellha dubju dwar dan kellha l-fakulta' li ġġib provi li jwaqqgħu din il-preżunzjoni. Iżda dan ma seħħx.

**Għalhekk il-ħames u s-sitt eċċezzjoni tal-intimata Philippa Mangion sejrin jiġu miċħuda.**

**2. Eċċezzjoni li l-intimata Mangion dwar l-integrita' tal-ġudizzju**

a. Xehdet **l-intimata Philippa Mangion**[14] li qalet li l-familja tagħha ilhom jirrisjedu fil-fond in kwistjoni mill-1939. Qabel ir-razzett li hemm illum kien hemm razzett antik. Fl-1967 il-post l-antik twaqqa' mill-Gvern għax riedu jwessgħu it-triq ta' Burmarrad u mbagħad inbena r-razzett li hemm eżistenti llum. Qalet li huma jħallsu l-kera lil familja Micallef . Illum fil-farmhouse tgħix hija biss għax żewġha miet xi snin qabel. Dwar il-membri tal-familja li qabel kienu jgħixu hemm semmiet lil ġenituri tagħha Pawlu u Catherine u lil ħutha Rita, Doris, Joe u Charles flimkien magħha.

Qalet li l-ftehim tal-kirja kien jgħajjat lil missierha u lilha. Meta mietu l-ġenituri tagħha testmenti ma ħallewx. Għalhekk qalet li t-titolu kien jappartjeni lilha u lil kumplament ta' ħutha.

Fir-razzett hemm raba' u bhejjem.

Ir-rikorrenti Ġemma Micallef tiġi l-kuġina prima tagħha. Wara l-mewt ta' William Francia ma ħut ir-rikorrenti ma għamlitx arranġamenti. Kienet tħallas il-

[14] Fol 487 et seq

kera u huma jaċċettawha imma mbagħad ma baqgħux minn circa xi 4 snin qabel u għalhekk bdiet tiddepożitaha l-Qorti.

In kontro-eżami[15] qalet li meta sar ir-razzett il-ġdid il-kera bdiet titħallas lil William Francia u mbagħad xtrat ir-razzett zitha r-rikorrenti u hija bdiet tħallas il-kera lil zijitha Elizabeth Micallef. Wara mewtha bdiet tħallas lil bintha. Reġgħet qalet li fir-razzett tgħix waħedha u ħutha jmorru biex jgħinuha.

**b. Xehdet Doris Borg**[16] oħt l-intimata Mangion. Qalet li hi u ħutha trabbew fir-razzett u kienu jaħdmu l-għelieqi wkoll ma missierhom. Illum il-ġurnata hija l-intimata Philippa biss li tgħix hemm. Ix-xhud żiedet li hi żżewġet fl-1968 u ma baqgħetx tgħix hemm. Qalet li meta miet missierha bla testment kollha kemm huma wirtuh. Xehdet li missiera kien ħa miegħu lil Philippa biex il-kera taqa' fuqha meta jmut hu. Huma jgħinuha kif jistgħu pero' huma kollha werrieta ta' missierhom.

Meta l-Gvern kien waqqa' r-razzett l-antik u nbena l-ġdid kienu missierha Philippa li marru jiffirmaw il-kuntratt il-ġdid tal-kera mas-sid Francia.

Qalet li kull wieħed mill-aħwa għandu nteress fuq is-sehem tiegħu. Ir-razzett huwa ta' kulħadd imma tamministrah hi.

In kontro-eżami hija kkonfermat li Philippa biss tgħix fir-razzett.

c. Xehdet **Rita Fenech**[17] li qalet li baqgħet tgħix fir-razzett sakemm iżżewġet imbagħad telqet. Hija kkonfermat li oħtha l-intimata Philippa għadha tgħix waħedha fir-razzett u li hi, ix-xhud, titla' spiss hemm. Qalet li qabel ir-razzett kien għand in-nanna. Il-kera llum tħallasha Philippa. Qalet li l-aħwa għandhom

[15] Fol 616 et seq
[16] Fol 602 et seq
[17] Fol 606 et seq

interess fir-razzett għax Philippa trabbi l-bhejjem u taħdem ir-raba' u huma jinżlu ħdejha jgħinuha; u l-ġenituri tagħhom mietu bla testment għalkemm il-kera tħallasha Philippa.

d. Xehed **Carmel Vella**[18] li qal li oħtu Philippa tgħix fir-razzett mertu tal-proċeduri odjerni għax tieħu ħsieb ir-raba' u l-annimali. Il-kera u l-permessi tal-bhejjem u tar-raba' tħallashom hi. Ix-xhud u ħutu jiffiguraw f'dan kollu għax imorru jgħinuha u għandhom sehem ta' 1/5.

In kontro-eżami qal li huwa żżewweġ fl-1985 u għal bidu kien jgħix fir-razzett iżda wara circa 4 jew 5 snin mar jgħix il-Mellieħa.

L-intimata targumenta li hija mhijiex l-unika titulari tal-fond in kwistjoni għax filwaqt li hi għandha nofs indiviż tal-kirja għandha wkoll sehem wieħed minn ħamsa tan-nofs indiviż ta' missierha qabel ma miet filwaqt li kull wieħed mill-erba' ħutha l-oħra għandhom ukoll sehem wieħed minn ħamsa tan-nofs indiviż ta' missierhom. Għalhekk tgħid li għandhom jiġu ammessi fil-kawża ħutha l-oħra.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esibiti fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni.

**Huwa mportanti jiġi sottolineat li fil-każ odjern si tratta ta' kirja tal-fond mertu tal-proċeduri odjerni.** Skont il-kuntratt tal-15 t'Awissu 1974[19] William Francia ikkonċeda l-fond b'kirja lill-intimata Philippa Mangion u lil missierha Paul Vella. Sussegwentement omm ir-rikorrenti kienet xtrat il-fond mingħand William Francia b'kuntratt tal-20 ta' Novembru 1978[20] u wara mewtha wirtuha r-rikorrenti.

[18] Fol 611 et seq
[19] Fol 14
[20] Fol 9 et seq

Irriżulta b'mod ampju mix-xhieda li filwaqt li oriġinarjament l-intimata Philippa Mangion kienet tgħix fil-fond mikri flimkien mal-ġenituri tagħha u mal-erba' ħutha l-oħra, l-omm ġiet nieqsa ta' eta' żgħira u ħutha matul is-snin iżżewġu u marru jgħixu band'oħra. Eventwalment missierha miet ukoll fl-1993[21] u rriżulta li hu u martu mietu bla testment. L-intimata u żewġha baqgħu jgħixu fir-razzett iżda meta dan miet fl-2008 l-intimata baqgħet tgħix hemm waħedha u s-sitwazzjoni għadha hekk sal-lum. Ħutha l-oħra jmorru biss biex jgħinuha fir-raba' u fit-trobbija tal-bhejjem.

Irriżulta wkoll li sakemm kien għadu ħaj missierha l-ħlas tal-kirja kien isir minnu u minn Philippa, u wara mewtu bdiet tħallasha Philippa waħedha. Anke meta r-rikorrenti ma baqgħux jaċċettaw il-ħlas, iċ-ċedoli ta' depożitu saru biss f'isem Philippa Mangion.

Irriżulta wkoll li l-permessi marbuta mar-raba' u mat-trobbija tal-bhejjem huma maħruġa f'isem Philippa.

Il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni mhijiex ġustifikata. Għal dak li jirrigwarda s-sehem ta' missier l-intimata fil-kirja, skont l-artikolu 2 tal-Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta setgħu ikunu ntitolati għaliha ulied, ħu jew oħt, il-kerrej li ma jkunux miżżewġa u li jkunu jirrisjedu mal-kerrej fi żmien mewtu u l-axxendent tal-kerrej li jkun hekk igħix mal-kerrej. L-ulied l-oħra tiegħu, aħwa tal-intimata Philippa ma jikkwalifikawx taħt dawn il-kriterji biex jiġu meqjusa **<u>"kerrejja"</u>** għal finijiet u effetti tal-liġi peress li meta miet missierhom huma kienu ilhom snin li ma baqgħux jgħixu fir-razzett għax kienu żżewġu u marru jgħixu band'oħra. L-unika wild li kienet tgħix ma' missierha fil-mument ta-mewt tiegħu, kif għadha hekk

[21] Fol 512

sal-lum, hija l-intimata Philippa Mangion. Ġiustament għalhekk il-kirja ġiet meqjusa li daret kollha fuqha. Il-fatt li ħutha jmorru jtuha daqqa t'id fir-raba' u fit-trobbija tal-annimali ma jagħtihomx dritt fuq it-titolu nnifsu tal-kirja u għalhekk huma m'għandhom ebda dritt ikunu parti fil-kawża.

Għalhekk anke din l-eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad il-ħames u s-sitt eċċezzjoni kif ukoll l-eċċezzjoni dwar l-integrita' tal-ġudizzju mressqa mill-intimata Philippa Mangion u tordna l-prosegwiment tal-kawża.**

**L-ispejjeż marbuta ma' dawn l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu a karigu tal-istess intimata.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**